MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Frar, 2017

Rikors Maħluf numru: 672/16LM

**Joseph Casha (K.I. 237065M)**

***vs.***

**Valletta Gateway Terminals Limited (C 38888) u b'digriet tal-14 ta' Settembru, 2016 ġiet imsejħa fil-kawża s-soċjet kummerċjali *en nom collectif* A.A.J.E. Abela Brothers (P.461)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Joseph Casha** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fid-9 ta' Awwissu 2016 fejn talab lil din il-Qorti, wara li ppremetta:

*1. Illi r-rikorrent hu registered port-worker u fil-11 ta' Awwissu, 2015 għall-ħabta ta' 2.40 p.m. safa korrut serjament waqt li kien qed jaħdem b'inkarigu tas-soċjetà intimata abbord il-bastiment Union, li kien sorġut fil-Port, Valletta Gateway Terminals, Deep Water Quay.*

*2. Illi l-korriment seħħ waqt li r-rikorrent kien qed jaħdem ix-xogħol lilu ordnat mis-soċjetà intimata, u qala' daqqa b'katina/cable tal-krejn li kien qed jintuża għax-xogħol, u liema katina/cable taret għal fuqu u laqtitu, u bid-daqqa qawwija li qala' r-rikorrent hu waqa' lura u ħabat rasu mal-hatch tal-vapur, u korra serjament fuq il-persuna tiegħu.*

*3. Illi s-soċjetà intimata hija responsabbli għal dan il-korriment u d-danni konsegwenzjali peress li l-inċident fuq imsemmi seħħ unikament b'tort, b'ħtija, b'negliġenza u traskuraġni tagħha li, kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, naqset li tosserva l-obbligu impost fuqha mil-liġi li bħala prinċipal tiżkura ambjent ta' xogħol ħieles mill-perikoli għall-ħaddiema u għalhekk iżżomm a safe working environment.*

*4. Illi s-soċjetà intimata ġiet interpellata biex tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha li sofra r-rikorrent f'dan l-inċident iżda baqgħet inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hi responsabbli għall-inċident li fih safa korrut ir-rikorrent waqt li kien qed jaħdem b'inkarigu tal-istess soċjetà intimata fil-11 ta' Awwissu, 2015 għall-ħabta ta' 2.40 p.m. abbord il-bastiment Union li kien sorġut fil-Port, Valletta Gateway Terminals, Deep Water Quay.*

2. *Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrent minħabba dan l-inċident u l-korriment konsegwenzjali, u dana okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata biex tħallas lir-rikorrent id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali tad-9 ta' Ġunju, 2016 kontra s-soċjetà intimata li hi nġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Valletta Gateway Terminals Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta), ippreżentata fl-1 ta' Settembru, 2016, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari u bla preġudizzju għal dak li ser jiġi sottomess, il-kawża odjerna hija irritwali u fuori termine skont l-artikolu 29 (a) tal-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta), inkwantu ma saret ebda 'claim' fil-konfront tas-soċjetà konvenuta fiż-żmien sitt xhur mill-inċident mertu ta' din il-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza;*

2. *Illi, it-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur;*

3. *Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ waqt li l-attur kien abbord il-bastiment Union, fejn is-soċjetà esponenti m'għandha ebda setgħat jew responsabbiltajiet;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-inċident inkwistjoni ma seħħx minħabba responsabiltajiet attribwibbli lis-soċjetà esponenti u għalhekk id-dikjarazzjoni kontenuta fir-rikors promotur li l-Valletta Gateway Terminals hi responsabbli għall-inċident de quo qiegħda tiġi kkontestata;*

5. *Illi s-soċjetà esponenti ma naqset minn ebda obbligu impost fuqha mil-liġi illi tipprovdi 'a safe working environment';*

6. *Illi l-krejn illi hemm referenza għalih fit-tieni paragrafu tar-rikors ġuramentat tal-attur huwa krejn tas-soċjetà A.A.J.E. Abela Brothers operat minn ħaddiema tal-istess soċjetà u mhux minn ħaddiema tas-soċjetà esponenti, liema soċjetà ġiet inkarigata mis-soċjetà esponenti abbażi tal-esperjenza tagħha f'dan it-tip ta' xogħol;*

7. *Illi għandu jirriżulta illi l-inċident seħħ minħabba "fortuitous event" u mhux minħabba xi nuqqas jew traskuraġni tas-soċjetà esponenti fl-għażla tal-provditur u operatur tal-krejn jew minħabba nuqqas jew traskuraġni tal-operatur tal-krejn jew minħabba xi nuqqas attribwibbli lis-soċjetà esponenti;*

8. *Illi għalhekk l-ewwel talba tal-attur m'għandiex tintlaqa' fis-sens illi s-soċjetà esponenti mhijiex responsabbli għall-inċident inkwistjoni;*

9. *Illi konsegwentement m'hemmx danni x'jiġu likwidati jew imħallsa mis-soċjetà esponenti u għalhekk it-tieni u t-tielet talba għandhom jiġu miċħuda;*

10. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi.*

Rat ir-rikors tas-soċjetà konvenuta ppreżentat ukoll tal-1 ta' Settembru, 2016 fejn talbet illi tiġi imsejħa fil-kawża s-soċjetà kummerċjali *en nom collectif* A.A.J.E. Abela Brothers.

Rat id-digriet tal-14 ta' Settembru, 2016 fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 961 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat s-sejħa fil-kawża tas-soċjetà kummerċjali *en nom collectiv* A.A.J.E. Abela Brothers (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà msejħa fil-kawża").

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà msejħa fil-kawża, ippreżentata fit-3 ta' Ottubru, 2016, fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-ewwel talba tar-rikorrent inkwantu diretta kontra l-esponenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u dan peress illi l-istess esponenti mhix responsabbli għall-inċident de quo hekk kif ser jirriżulta aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

2. *Illi t-tieni talba tar-rikorrent għandha għalhekk tiġi riġettata stante li ma hemmx danni x'jiġu likwidati favur l-imsemmi rikorrent. Fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-entità tad-danni pretiżi mir-rikorrent huwa kontestat u għaldaqstant l-istess għandu jagħmel il-prova tad-danni skont il-liġi;*
3. *Illi t-tielet talba tar-rikorrent għandha wkoll tkun miċħuda u dan għaliex l-esponenti m'għandhiex tiġi kostretta tħallas ebda danni lill-istess rikorrent;*
4. *Salv eċċezzjonijiet oħra premessi mil-liġi u bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2016 fejn il-partijiet qablu li għandha tiġi trattata qabel kull ħaġa oħra l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u ċjoè 'illi l-kawża odjerna hija irritwali u *fuori termine* skont l-artikolu 29(a) tal-Kapitolu 352 tal-Liġijiet ta' Malta, inkwantu ma saret ebda 'claim' fil-konfront tas-soċjetà konvenuta fi żmien sitt xhur mill-inċident mertu ta' din il-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza.' Skont dan l-istess verbal il-partijiet qablu wkoll li *entro* l-imsemmi terminu ta' sitt xhur mid-data tal-inċident ma saret l-ebda talba għad-danni da parti tal-attur kontra s-soċjetà konvenuta.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta u tal-attur dwar l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet it-tratazzjoni dwar din l-eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Frar, 2017, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar din l-eċċezzjoni preliminari.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attur Joseph Casha huwa ħaddiem tax-Xatt liċenzjat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta u fit-11 ta' Awwissu, 2015 kien involut f'inċident meta kien qed jagħmel xogħol fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta. Is-soċjetà konventa hija t-*terminal operator* awtorizzat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta, xi ħaġa li qed tiġi kkontestata mill-attur, li topera mid-Deep Water Quay fejn tipprovdi b'mod esklussiv servizzi ta' *cargo handling* fil-Port il-Kbir. Meta tiġi merkanzija minn barra l-pajjiż, is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din tinħatt minn fuq il-vapur. Meta l-merkanzija tkun għall-esportazzjoni, is-soċjetà konvenuta tieħu ħsieb li din titgħabba fuq il-vapur biex tinġarr għal barra minn Malta.

Illi l-inċident mertu ta' din il-kawża seħħ meta l-attur intlaqat b'katina/*cable* tal-krejn u bid-daqqa waqa' lura u ħabat rasu mal-*hatch* tal-vapur u korra serjament.

Illi f'dan l-istadju l-punt ta' kontestazzjoni bejn il-partijiet f'din il-kawża huwa jekk fir-rigward tat-talbiet attriċi għal-likwidazzjoni u għall-kundanna għal ħlas ta' danni għandux jiġi applikat l-artikolu 29(a) tal-Att

dwar il-Portijiet u Bastimenti (Kap. 352) kif isostni fl-imsemmija eċċezzjoni preliminari tagħha s-soċjetà konvenuta, fis-sens illi l-'claim' bil-miktub tal-attur fil-konfront tas-soċjetà konvenuta kellha ssir fi żmien sitt xhur mill-inċident mertu ta' din il-kawża, liema perjodu huwa wieħed ta' dekadenza, jew kif isostni l-attur għandhiex tiġi applikata il-preskrizzjoni ġenerali ta' sentejn ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16).

L-artikolu 29 tal-Kap. 352 jistipula dan li ġej:

> "Minkejja d-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att, jew għal xi telf jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment kemm-il darba –
>
> (a) talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux iktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur;
>
> (b) l-azzjoni ma tinbedix fi żmien tnax-il xahar mill-imsemmija data:
>
> Iżda l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, jista' jestendi ż-żmien speċifikat fil-paragrafu (a) b'dak iż-żmien l-ieħor ta' mhux iżjed minn sitt xhur li jidhrilha xieraq jekk tkun sodisfatta li t-talba ma setgħetx issir b'mod xieraq fiż-żmien speċifikat kif intqal qabel:
>
> Iżda wkoll l-Awtorità jew il-kuntrattur, skont il-każ, ma jkunux responsabbli għal aktar mil-limiti jew mill-ammonti stabbiliti b'liġi, jew f'dawk iċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu preskritti."

Illi fl-ipoteżi li kien legalment meħtieġ li tingħata talba bil-miktub mill-attur lis-soċjetà konvenuta, xi ħaġa li l-partijiet jaqblu li ma saritx, dan iwassal biex l-azzjoni odjerna titqies li hija estinta. Fl-ipoteżi li din it-talba bil-miktub ma kinetx legalment meħtieġa, il-Qorti tkun tista' tkompli tisma' l-każ fil-mertu abbażi tat-talbiet tal-atturi u tal-eċċezzjonijiet l-oħra tas-soċjetà konvenuta u tas-soċjetà msejħa fil-kawża. Is-soċjetà konvenuta evidentement mhijiex qiegħda teċepixxi wkoll it-terminu ta' dekadenza ta' sena li fih trid tinfetaħ il-kawża[1], u dan stante li l-inċident mertu tal-kawża seħħ fil-11 ta' Awwissu, 2015, mentri r-Rikors Maħluf ġie ippreżentat fid-9 ta' Awwissu, 2016, u ċjoè *entro* t-terminu prefiss ta' tnax-il xahar.

Illi mid-diċitura tal-artikolu 29 tal-Kap. 325 huwa tassattiv li tintbgħat talba bil-miktub lill-Awtorità jew lill-kuntrattur fi żmien sitt (6) xhur mill-inċident, 'il għaliex fin-nuqqas l-imsemmija liġi tipprefiġġi tassattivament illi ma tistax tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew il-kuntrattur. Mid-diċitura tal-imsemmi artikolu, huwa ċar ukoll li dan it-terminu mhux wieħed ta' preskrizzjoni iżda ta' dekadenza li ma jagħtix lok għall-interruzzjoni. Ara f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet **The Cargo Handling Co. Limited *vs.* Messrs John Abela Limited**[2]:

> "Kif enunċjat fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Giuseppe Sammut *vs.* Notaro Edoardo Pellegrini Petit**, Appell Ċivili, 16 ta' Jannar, 1920 (Vol XXIV pt.I p.276):

[1] *Ai termini* tal-artikolu 29(b) tal-Kap. 352.
[2] App. Inf., 07.07.2003.

> *"quando la legge stabilisce un termine entro cui un atto si deve compiere, quel termine, anzicchè di prescrizione, è termine di decadenza, nel senso che, decorso quel termine, quell'atto non sarebbe più ammissibile. La dottrina pone il criterio distintivo in ciòche, se la disposizione che assegna un termine per l'esperimento d'un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione, o non abbia i caratteri di questa, si tratterà di una decadenza."*

> It-terminu stabbilit fl-artikolu 65 huwa wieħed intiż biex jeħles lill-Awtorità u lill-kuntrattur tagħha bħas-soċjetà appellanti, minn kull riskju ta' proċeduri taħt l-Att imsemmi, u fiċ-ċirkostanzi hemm prevvisti, jekk l-azzjoni mit-terz ma ssirx fiż-żmien imsemmi ta' tnax-il xahar. Fil-kamp marittimu terminu bħal dan hu wieħed uniformi. Tant li nsibuh fl-Art. 3 (6) tal-Hague Rules jew l-Artikolu 6 tal-Att dwar il-Ġarr ta' Merkanzija bil-Baħar (Kap. 140) fil-każ ta' azzjoni kontra l-vapur jew it-trasportatur bil-baħar.

> Huwa wkoll komplimentari għax-xorta ta' azzjonijiet preskritti fl-artikolu 544 tal-Kodiċi tal-Kummerċ."

Illi bl-emendi li seħħew bl-artikolu 52 tal-Att XV tal-2009, fejn anki l-isem tal-Att inbidel mill-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta għall-Att dwar il-Portijiet u Bastimenti, l-artikolu 65 iċċitat fl-imsemmija sentenza u f'sentenzi oħrajn li segwewha, kien sar l-artikolu 29 tal-Kapitolu 352.

Illi l-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet reponsiva tiegħu jikkontendi li r-rekwiżit tat-talba bil-miktub ai termini tal-artikolu 29(a) tal-Kap. 325 ma japplikax għall-każ *de quo* stante li l-istess soċjetà konvenuta ma ppruvatx li hi fil-fatt kuntrattur tal-Awtorità u jikkontendi li *quod non est in actis non est in mundo.*

Illi l-Qorti ma tistax taċċetta din is-sottomissjoni tal-attur 'il għaliex diġà ġie stabbilit permezz ta' diversi sentenzi tal-Qrati tagħna illi s-soċjetà konvenuta taqa' fid-definizzjoni ta' kuntrattur imsemmi fl-artikolu 29 tal-Kap. 325 bħala *terminal operator* awtorizzat mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta.[3]

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Middlesea Insurance p.l.c. *et. vs.* Valletta Gateway Terminals Limited *et.***[4], li kienet tittratta każ dwar merkanzija danneġġjata, ingħad dan li ġej:

> "a) Ma għandu jkun hemm ebda dubbju illi s-soċjetà 'Valletta Gateway Terminals Limited' ingħatat il-konċessjoni skont il-ftehim ċitat magħmul u miftiehem ma 'Transport Malta' sabiex taġixxi bħala *'cargo handler'* fl-imsemmi Port. Għalhekk, għal kull effett u fini fil-liġi applikabbli, din is-socjetà għandha tiġi konsiderata bħala 'kuntrattur' skont l-artikolu 29(a) u (b).
>
> b) Dan jfisser illi sabiex tkun tista' tiġi intavolata azzjoni bħal dik in esami, din għandha tiġi preċeduta minn talba bil-miktub li trid tingħata lill-kuntrattur mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data speċifikata fl-artikolu msemmi u li jibdew jiddekorru minn meta l-oġġetti kienu aċċettati u ikkonsenjati lill-istess kuntrattur.
>
> ċ) Fil-każ in desamina din it-talba bil-miktub ma saritx anzi jidher li kull ma sar kien li jiġi intavolat l-avviż in esami.
>
> Illi, għalhekk, jidher li l-eċċezzjoni in esami għandha tiġi akkolta fil-konfront tas-soċjetà li ssottomettiet din l-eċċezzjoni.

[3] Ara **J. Lautier Company Limited *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**, Qorti tal-Maġistrati (Malta), 19.04.2011; **Middle Sea Insurance p.l.c. *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited,** Qorti tal-Maġistrati (Malta), 26.03.2012; u **Raymond Saliba *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**, P.A., 02.11.2015. Dawn is-sentenzi sar riferiment għalihom fin-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà konvenuta.

[4] Qorti tal-Maġistrati, 26.3.2012.

> Għal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni in esami u tiddikjara l-azzjoni in esami bħala estinta fil-konfront biss tas-soċjetà 'Valletta Gateway Terminals Limited' waqt li għandha titkompla fil-konfront tas-soċjetà 'H Mifsud Shipping Limited'."

Illi hekk ukoll ġie ritenut fil-kawża fl-ismijiet **Atlas Insurance PCC Limited *et. vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**[5] fejn ingħad:

> "Illi diġà ġie stabbilit illi s-soċjetà appellanti taqa' fid-definizzjoni ta' kuntrattur imsemmi f'dan l-artikolu tal-liġi. Illi il-perm tal-kwistjoni iżda iddur madwar l-interpretazzjoni ġuridika li għandha tingħata lill-parametri tar-responsabbiltà tal-Awtorità jew il-kuntrattur in konnessjoni mal-persuni jew oġġetti li ikunu "abbord bastiment" u ċioè jekk din għandhiex tingħata interpretazzjoni restrittiva kif għamel it-Tribunal, jew inkella għandhiex tingħata tifsira iktar wiesgħa tenut kont tal-fatt illi l-mansjonijiet riposti f'idejn il-kuntrattur jiskattaw mal-mument tal-wasla tal-bastiment ġewwa il-Port, tant illi anke fil-konċessjoni mogħtija mill-Awtorità lis-soċjetà appellanti hemm miftiehem illi:
>
> > "…. *the Authority hereby grants a concession for the provision of Cargo* Handling *Services to the Operator* (referenza għas-soċjetà appellanti) *which accepts, undertakes and binds itself, under the terms and conditions defined in this Agreement, to provide in the Concession Area the Cargo Handling Services and to carry out the operations contemplated in this Agreement.""*[6]

Illi fl-ordni ġuridiku Malti il-Qorti ma tistax ma tiħux konjizzjoni ġudizzjarja *(judicial cognizance)* ta' fatt magħruf u li jkun ġie stabbilit mill-każistika ta' dawn il-Qrati stess, dejjem jekk l-affarijiet ma jkunux tbiddlu bil-passaġġ taż-żmien, li mhuwiex il-każ odjern. Din il-Qorti kif

---

[5] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 24.06.2015.
[6] Din il-kawża wkoll kienet dwar merkanzija danneġġjata.

presjeduta wkoll għadha kif tat deċiżjoni f'dan is-sens fl-ismijiet **Anton Debono *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited et.**[7]

Illi għandu jiġi rilevat però illi l-mertu tal-kawża odjerna mhuwiex dwar merkanzija danneġġjata imma hija talba għad-danni li qed issir mill-attur li allegatament korra waqt li kien qed iħott merkanzija minn abbord vapur b'inkarigu tas-soċjetà konvenuta.

Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jagħmel riferiment kemm għall-Awtorità, kif ukoll għall-kuntrattur tagħha. Kif diġà intqal aktar 'il fuq, m'għandu jkun hemm ebda dubju li s-soċjetà konvenuta għandha titqies bħala kuntrattur tal-Awtorità għat-Trasport f'Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u għalhekk is-soċjetà konvenuta bħala kuntrattur tal-Awtorità tista' tipprevalixxi ruħha minn dan il-perjodu ta' dekadenza fil-każ in deżamina jekk ikunu jissussistu ċ-ċirkostanzi li jsir riferiment għalihom fl-imsemmi artikolu.

Illi għalhekk dak li jibqa' x'jiġi stabbilit mill-Qorti f'din il-kawża f'dan l-istadju huwa jekk iċ-ċirkostanzi mertu ta' din il-kawża fir-rigward ta' liema l-attur qiegħed jirreklama d-danni, jaqgħux fl-ambitu tal-artikolu 29 tal-Kapitolu 352 jew jekk l-azzjoni attriċi għandhiex titqies min-natura tagħha bħala azzjoni għad-danni bbażata fuq kulpa akwiljana taħt il-Kodiċi Ċivili.

---

[7] 08.02.2017.

Illi s-soċjetà konvenuta tibbaża ħafna mid-difiża tagħha fuq sentenza li għadha *sub judice* peress li ġiet appellata, fl-ismijiet **Raymond Saliba *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited**,[8] li akkoljiet eċċezzjoni identika bħal dik odjerna kontra l-attur impjegat mal-istess soċjetà konvenuta, li allegatament kien weġġa' waqt li kien fuq il-lant tax-xogħol. Bir-rispett kollu dovut, din il-Qorti kif preseduta ma tikkondividix din il-linja ta' ħsieb.

Illi s-sentenza surriferita **Raymond Saliba *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited** fil-fatt tagħmel enfażi fuq sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri tad-19 ta' Ottubru, 2010, fl-ismijiet **Silvia Grech *et. vs.* Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et.***:

> "Illi kif ukoll ritenut fil-kawża **Grech *et. vs.* Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et.,*** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġurisdizzjoni Superjuri fid-19 t'Ottubru, 2010, (ara *fol.* 53), l-artikolu 29 in diżamina mhux limitat għall-inċidenti li jseħħu fuq bastiment iżda japplika ukoll għall-azzjonijiet indirizzati fil-konfront tal-kuntrattur – f'dan il-każ, is-soċjetà intimata – għal telf jew ħsara li ssir lil xi persuna;
>
> Illi l-istess artikolu 29 in diżamina jippermetti li għandu japplika "minkejja id-disposizzjonijiet ta' kull liġi oħra";

Illi din is-sentenza[9] però ġiet revokata mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014 proprju fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-artikolu 29:

---

[8] P.A., 02.11.2015.
[9] **Grech *et. vs.* Ministru Responsabbli mit-Trasport u Komunikazzjoni *et.***

"L-awtorità konvenuta wieġbet illi l-art. 65 (illum 29) tal-Kap. 352 huwa wiesa' biżżejjed biex jolqot ukoll id-danni li jgħidu li ġarrbu l-atturi. Jolqot "telf jew ħsara" b'konsegwenza tat-twettiq mill-awtorità jew minn kuntrattur tagħha tar-"responsabilitajiet tagħhom taħt ... l-Att".

Din il-qorti ma tarax li tista' taqbel mal-interpretazjoni tal-art. 29 li qiegħda tagħti l-awtorità konvenuta, u lanqas mal-applikazzjoni ta' dak l-artikolu li għamlet l-ewwel qorti.

Qabelxejn għandu jingħad illi din il-kawża saret għad-danni wara li xogħlijiet li saru mill-Awtorità Marittima, predeċessur tal-awtorità konvenuta, għall-bini ta' *terminal* ġdid fl-Imġarr fejn jorbtu l-bastimenti ta' Għawdex, ħolqu inkonvenjent kbir għall-atturi fin-negozju tagħhom li wassal għal telf ta' qligħ.

Issa huwa minnu illi l-bini tat-*terminal* ġdid u x-xogħlijiet relativi kienu parti mir-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att, u l-art. 29 jolqot kull azzjoni tal-utenti tat-*terminal* kontra l-awtorità msejsa fuq dawk ix-xogħlijiet.

L-art. 29 iżda ma jistax jolqot ir-relazzjoni tal-awtorità ma' terzi li, bħall-atturi, ma humiex utenti tas-servizzi tal-awtorità jew soġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha. Ir-relazzjoni bejn l-atturi u l-awtorità ma hijiex konsegwenza tar-responsabilitajiet tal-awtorità taħt l-Att.

Il-kliem stess tal-artikolu 29 juri illi ma huwiex maħsub illi japplika f'ċirkostanzi bħal dawk tal-każ tal-lum. Il-parti konvenjentement maqbuża mill-Awtorità meta iċċitat l-artikolu tgħid illi ma tistax tittieħed azzjoni kontra l-Awtorità jekk:

> "talba bil-miktub, li tagħti dawk il-partikolaritajiet li jistgħu jkunu b'mod xieraq meħtieġa, ma tingħatax lill-Awtorità jew lill-kuntrattur, skont il-każ, mhux aktar tard minn sitt xhur mid-data li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur."

Dan il-kliem – partikolarment dwar li l-oġġetti li ġarrbu ħsara jridu jkunu ġew "aċċettati mill-awtorità" – juri illi biex japplika dan l-artikolu jrid ikun hemm

> relazzjoni, derivanti mill-funzjonijiet, mir-responsabilitajiet jew mis-setgħat tal-Awtorità, bejn l-istess awtorità u l-persuna li ġġarrab il-ħsara.
>
> Fil-każ tal-lum ma kienx hemm dik ir-relazzjoni bejn il-partijiet u ebda oġġetti li l-Awtorità kellha, minħabba dik ir-relazzjoni, "taċċetta" mingħand l-atturi.
>
> Huwa ovvju għalhekk, fil-fehma ta' din il-qorti, illi l-art. 29(a) ma huwiex applikabbli għall-każ tal-lum u l-ewwel aggravju tal-atturi għandu jintlaqa'. Għalhekk ma huwiex meħtieġ illi l-qorti tqis l-aggravji l-oħra tal-atturi."

Illi fil-każ in deżamina, l-attur mhuwiex utent tas-servizzi li toffri l-Awtorità jew kuntrattur tagħha. Huwa veru li l-attur hu soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Awtorità. Huwa veru li s-sigurtà ta' impjegat jew ta' persuna mqabbda minn kuntrattur jew l-Awtorità, hi responsabbiltà tagħhom, però tali responsabbiltà toħroġ minn liġijiet oħra *ad hoc* dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol u mhux mill-Kapitolu 352.

Illi l-artikolu 29 tal-Kap. 352 jgħid illi "ma tista' tittieħed ebda azzjoni kontra l-Awtorità jew kuntrattur dwar ir-responsabbilitajiet tagħhom taħt dan l-Att"[10] u mhux taħt xi Att ieħor. Huwa veru wkoll li l-artikolu 29 ikompli billi jgħid "jew ħsara li ssir lil xi persuna, bastiment, oġġetti, vetturi jew ħwejjeġ oħra huma x'inhuma abbord bastiment", però kif dil-klawsola tal-liġi ġiet interpretata mill-Qorti tal-Appell (għalkemm f'każ fejn l-attur ma kienx impjegat jew imqabbad mill-kuntrattur), din l-istess interpretazzjoni għandha tapplika wkoll għal persuna mqabbda biex tagħti x-xogħol tagħha lill-kuntrattur. Tali persuna mhijiex utenti tas-servizzi offruti taħt il-Kap. 352, u dan joħroġ ċar mid-diċitura tal-liġi

[10] Sottolinejar ta' din il-Qorti.

fejn jingħad "li fiha l-oġġetti kienu aċċettati mill-Awtorità jew mill-kuntrattur".

Ir-relazzjoni ġuridika tal-attur mal-kuntrattur jew mal-Awtorità fejn tidħol is-saħħa u s-sigurtà ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol, mhijiex regolata bil-Kapitolu 352 u għalhekk ma jistax jingħad bl-ebda mod illi l-Kap. 352 hija liġi speċjali li tirregola din il-materja u li għandha tipprevali fuq il-liġi ġenerali.[11]

Tqis illi l-iskop dikjarat tal-Kap. 352 huwa "biex jipprovdi għat-twaqqif ta' portijiet f'Malta, għar-reġistrazzjoni u liċenzjar ta' dgħajjes u bastimenti u sabiex jirregola l-użu tagħhom fl-ibħra territorjali ta' Malta u biex jistabbilixxi drittijiet u ħlasijiet u ħwejjeġ oħra anċillari għall-bastimenti."[12]

Minn analiżi dettaljata tal-Kap. 352, jirriżulta illi l-obbligu tas-soċjetà konvenuta li tipprovdi *"a safe working environment"* lill-ħaddiema mqabbdin minnha, bl-ebda mod ma jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-Kap. 352 u għalhekk kwalunkwe ksur ta' dan l-obbligu m'għandux ikun milqut min-neċessità ta' talba bil-miktub lill-kuntrattur fi żmien sitt xhur mill-inċident, u ċjoè għall-perjodu ta' dekadenza stipulat bl-artikolu 29(a) tal-Kap. 352.

---

[11] Mertu kważi identiku ġie deċiż minn din il-Qorti kif preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Anton Debono *vs.* Valletta Gateway Terminals Limited *et.*,** 8.02.2017, fejn l-eċċezzjoni ma kinitx dwar in-nuqqas ta' talba bil-miktub fi żmien sitt xhur, iżda li l-azzjoni għad-danni ma saritx fi żmien sena. Din il-Qorti kkonfermat li dan il-perjodu ta' dekadenza ma japplikax għal ħaddiem tax-Xatt li jkun weġġa' waqt xogħol fuq inkarigu tal-istess soċjetà konvenuta.

[12] Il-preambolu għall-Kap. 352.

Tqis fl-aħħar nett illi l-mod kif inhu fformulat l-artikolu 29 tal-Kap. 352 mhuwiex għalkollox ċar u jista' jagħti lok għall-ambigwità u għal interpretazzjonijiet u deċiżjonijiet konfliġġenti. Illi l-artikolu taħt eżami jimporta l-applikazzjoni ta' żmien limitattiv li fih azzjoni ta' riżarciment tad-danni setgħet tiġi eżerċitata. Tali dispożizzjoni tal-liġi għandha tiġi interpretata, f'każ ta' dubju, favur li tiġi ppreservata l-azzjoni, favur li d-dritt pretiż jiġi ppreservat. Dan għar-raġuni li l-eċċezzjoni tal-perjodu ta' dekadenza tas-sitt xhur, għalkemm rikonoxxuta bħala meħtieġa biex tassigura illi l-azzjoni tiġi eżerċitata entro terminu stabbilit biex id-drittijiet u l-obbligi tal-kontenenti jiġu debitament aċċertati, hija minnha nnifisha odjuża u għandha għalhekk tiġi interpretata restrittivament.[13]

## Decide

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tordna li din il-kawża titkompla bis-smigħ tal-provi dwar il-mertu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jitħallew għas-sentenza finali.**

Moqrija.

[13] Ara sentenza tal-Q.A., 08.05.2001, **Noel Ellul *nomine* vs. Avukat Dottor Joseph Zammit Mckeon *nomine*.**